22003D0161

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 161/2003

tas-7 ta' November 2003

li temenda l-Anness XXI (Statistiċi) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewopea, minn hawn 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 136/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2003 tas-16 ta' Jannar 2003 dwar l-użu ta' l-informazzjoni minn għejun barra minn stħarriġ statistiku u l-limiti ta' żmien għall-komunikazzjoni tar-riżultat għall-istħarriġ ta' l-2003 dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli ([2]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej huwa inserit wara l-punt 24a (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 959/93) ta' l-Anness XXI mal-Ftehim:

"24b. **32003 R 0068**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 68/2003 tas-16 ta' Jannar 2003 dwar l-użu ta' l-informazzjoni minn għejun barra minn stħarriġ statistiku u l-limiti ta' żmien għall-komunikazzjoni tar-riżultati għall-istħarriġ ta' l-2003 dwar l-istruttura ta' azjendi agrikoli (ĠU L 12, tas-17.1.2003, p. 5).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattazzjonijiet li ġejjin:

(a) li ġej għandu jinżdied fl-aħħar (fi tmiem) ta' l-Anness I:

'L-Islanda:	Rekords amministrattivi għall-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali u utilizzazzjoni ta' art agrikola.
	Reġistru għal sussiedji għal produzzjoni.
Il-Liechtenstein:	Xejn
In-Norveġja:	Applikazzjoni għal sussiedji governattivi.
	Sistema għall-identifikazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat (bovini).';

([1]) ĠU L 331, tat-18.12.2003, p. 74.
([2]) ĠU L 12, tas-17.01.2003, p. 5.

(b) li ġej għandu jinżdied fl-aħħar (fi tmiem) l-Anness II:

'L-Islanda	Diċembru 2003 sa Jannar 2004	tal-31.9.2004
Il-Liechtenstein	April 2003	tal-31.12.2004
In-Norveġja	Ġunju 2003	tal-31.12.2004'"

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (KE) Nru 68/2003 fil-lingwi Islandiża u Norveġiża, li għandu jkun ippubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2003, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru (ntbagħtu) lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ma', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.